# Niltaqgħu ma' Giorgio Farrugia... Wild il-Belt u Każin Pinto pijunieri fil-Karnival ta' Malta

*Intervista minn Marygrace u Oliver Cassar*

*Fost il-Qriema magħrufa fl-involviment tal-Karnival insibu lil Ġorġ Farrugia, imwieled fl-1934, Ġorġ huwa l-iben ta' Rosina Fenech minn 'tal-Buttar' u Carmelo 'Tal-Ħut' il-furnar li kellu forn mad-dar fi Triq il-Ġdida, kantuniera ma Triq San Dwardu. Bħala aħwa, huma kienu Pawlu l-kbir, Ġorġ, u ħutu l-bniet Maria, Cettina, Agnes u Salvina iżda meta Ġorġ kien għadu fl-età ta' għaxar snin, kienet mietet ommu flimkien ma tarbija waqt il-ħlas. Illum Ġorġ Farrugia huwa l-armel ta' Maria née Sultana mill-Imsida, missier ta' tliet ulied, Joseph, Rose u Julie Ruth kif ukoll nannu ta' seba' neputijiet.*

Farrugia li huwa residenti l-Imsida, għandu storja ta' 'l fuq minn 58 sena bħala parteċipazzjoni fil-Karnival ta' Malta, liema mħabba u dedikazzjoni lejn din l-attività skopriha wara l-ewwel involviment tiegħu fil-Karnival bħala attivist fil-banda Pinto. B'hekk meta titkellem ma' Ġorġ mal-ewwel tinduna li hu persuna b'karattru interessanti li tieħu gost titkellem miegħu dwar episodji varji, partikularment l-imħabba tiegħu għall-mużika klassika, għall-karnival kif ukoll għall-Belt Pinto u l-każin tal-Qalba.

## Farrugia u Ħal Qormi



*1968*

Fost il-memorji ta' Ġorġ hemm li bħala tifel jiftakar lil zijuh Leli Farrugia jimmudella għall-istatwarju George Borg għand il-kappillan Psaila fi Triq San Bartolomew, biex l-artist jagħmel l-istatwa titulari ta' San Bastjan f'Ħal Qormi. Isemmi wkoll li kuġinuh Dr. Pawlu Farrugia li kien joqgħod fejn il-każin Pinto u għamel xi żmien ukoll fil-kumitat tal-banda qabel gradwa bħala tabib minn Genova, iżda li minħabba kwistjonijiet politiċi, il-*warrant* tiegħu ma kienx rikonoxxut f'Malta, għalkemm b'xi mod xorta jidher li kien iservi u anke jsiefer pazjenti lejn Sqallija.

Ġorġ isemmi li għal erba' snin bħala ġuvnott, kien jagħmel xogħol ma' missieru fil-forn sakemm ta' xi 19-il sena beda jaħdem l-ħabs ċivili filwaqt li x-xogħol fil-forn kien beda jsir minn ħutu l-bniet flimkien ma' lavrant li mpjega missieru. Meta ltqajna ma' Farrugia fl-appartament tiegħu, huwa qalilna li minħabba l-mewt tal-omm f'età tant tenera tiegħu u ladarba l-familja kienet ukoll numeruża bi tfal ta' età żgħira, l-aktar ħutu l-bniet, jiftakar tfulija modesta, iżda skont hu kellu trobbija bħal tfal oħra f'dawk is-snin. Iżda jum fost l-oħrajn meta kien fl-età ta' 12-il sena, wieħed minn sħabu kien ħareġ bl-idea li jmorru



*1969*

flimkien jitgħallmu strument mal-banda Pinto. B'hekk spiċċaw biex f'salt wieħed daħlu xi 20 aljiev biex jibdew it-tagħlim tal-mużika mal-banda fi żmien is-Surmast Joseph Busuttil, li għalkemm kien Maġġur fl-Armata, skont Farrugia kien simpatiku bħala karattru.

Ġorġ Farrugia qal li jħobb iżomm lilu nnifsu mpenjat u jħobb jaqra iżda fi kliemu ftit jissemma dwar l-attività fil-każin fis-snin tal-gwerra. Huwa qal li għalkemm il-gwerra kienet bejn l-1939 u l-1945, Malta l-aktar li kienet effettwata kien bejn 1940 u 1942 sakemm kien bħal beda jidher li l-Ġermaniżi qed jitilfu l-gwerra tal-anqas fil-Mediterran. Huwa jgħid li f'dawk is-snin, ladarba naqsu l-*air-raids*, l-attività soċjali f'Ħal Qormi xorta kienet batuta u dan meta kien għadu ma hemmx iċ-ċinema, għax *St. George's Theatre* (fil-pjazza fejn illum hemm il-Każin tal-*Labour*) li kien l-ewwel ċinema fil-lokal, kien inbena fis-snin ta' wara l-gwerra u konsegwentement wara lejn l-1955 kien fetaħ il-bibien il-Warner fi Triq San Bartolomew.

F'dawk is-snin skont Ġorġ Farrugia, il-kumitat tal-Banda Pinto kien iddeċieda li jagħmel attivitajiet li jservu wkoll bħala ġbir ta' fondi għall-knisja parrokkjali. B'hekk Ġorġ jagħmel referenza partikularment għal attivitajiet fil-bitħa tar-razzett kbir li kien biswit il-Loġġa ta' Pinto li f'dawk is-snin kien propjetà tal-Gvern. Fost dawn l-attivitajiet kien hemm żewġ drammi, adattament mill-istorja tal-opri Tosca ta' Giacomo Puccini u sena wara r-Rigoletto ta' Giuseppe Verdi li għalihom, Ġorġ Farrugia kien attenda fl-età ta' madwar 10 snin. Huwa jgħid li għalkemm dawn id-drammi ma kienux mużikali, l-organizzaturi kienu jieħdu b'serjetà id-dettalji fix-xenografija u li minn hemm beda jrawwem apprezzament lejn l-opra klassika. Huwa jsemmi wkoll każ li meta kienet saret it-Tosca, Giuseppe Ciappara fil-parti ta' Scarpia f'ċertu ħin kellu jsabbat saqajh. Iżda darba Ciappara, li kien fih persuna, kien faqa' fallakka mill-palk hekk kif sabbat saqajh u baqa' nieżel b'mod li kien fortunat u ma weġġax.

Wara l-gwerra l-Każin Pinto beda jsir dejjem aktar attiv anke minħabba li kien ingħalaq l-uffiċju tal-*Air-Raid Protection unit* (ARP) li kien fil-binja tal-każin. F'dawk is-snin fl-amministrazzjoni kien hemm nies bħal Frans (Kikki) Bonnici minn Tat-Tentila (Taż-Żebbuġ), ċertu Manwel Montesin u Pawlu Sammut (Il-lajdi) li kien pustier u li kien ukoll jikteb *scripts* għat-teatrini mill-*Amicizia* u aktar tard meta ġie ffurmat In-Narbona



*1972*



*Xogħol ta' Ġorġ, snin ilu waqt il-karnival ta' Malta*

(kumpaniji teatrali f'Ħal Qormi). Dawn kienu bdew jagħmlu xi drammi jew fares u fost l-ewwel xogħol tagħhom kien dwar ċertu rumanz bl-isem Ġenoveffa.

Dak iż-żmien kien hemm jieħu ħsieb il-każin ċertu Ċikku Bonnici (Tat-Tentila) li kienu jsejħulu Iċ-*Chief* u li kien serju ħafna. B'hekk min mhux membru, partikularment nisa u tfal ma kienx iħallihom jidħlu fil-każin. B'hekk il-parti femminili ta' Ġenoveffa spiċċa għamilha dan Ċikku u kellu parentela ma' ċertu Lizju (Alessio) Zammit (ta' Ġoma) li ġieli għamel xi arranġamenti mużikali għall-banda. Kien f'dak iż-żmien li Ġorġ Farrugia beda jitgħallem il-mużika mal-banda Pinto flimkien ma' ċertu Grezju Galea minn taċ-Ċamju, Karmnu Ciantar, Frans Genovese (tal-Fwiet), Albino Formosa (taż-Żebbuġi), li kellu ħutu Frans, Daniel, Tarcisio u Vito li kienu wkoll bandisti. Dan filwaqt li bħala aljiev flimkien ma' Ġorġ li kien tfajjel, kien hemm ukoll Ġużeppi Barbara li kien diġà miżżewweġ.

**Il-Banda Pinto u l-Karnival**

Ġorġ Farrugia jirrakkonta li lejn l-aħħar tas-snin erbgħin, il-kumitat beda jaspira li l-banda tipparteċipa fil-Karnival u li din intlaqgħet b'ċertu entużjażmu fost il-partitarji. B'hekk kien ġie avviċinat ċertu Ninu Fenech mill-Mellieħa biex jassisti u jidderieġi ċertu xogħol. Dan Fenech kien beda jgħallimni kif bil-qasab nibni l-forom għall-maskeruni u l-abbozz tal-figura, liema sistema kont bqajt nuża kemm domt attiv fil-karnival. Ġorġ Farrugia jgħidli li kien daqq l-ewwel darba mal-banda fil-karnival meta kien għadu mhux uffiċjalment bandist u dan meta fl-1949 il-każin ipparteċipa bis-suġġett Xalaturi u fl-1950 bis-suġġett Pulċinellata li fiż-żewġ każijiet, il-parteċipazzjoni kienet tikkonsisti f'maskri grotteski u f'karru trijonfali. Farrugia jsemmi li f'okkażjoni minnhom, il-bandisti libsu kostumi kkuluriti u maskra b'wiċċ ta' annimal fuq rashom u f'dak il-każ hu kellu maskra b'wiċċ ta' ħanżir.

**Farrugia bħala bandist**

L-ewwel servizz ta' Ġorġ Farrugia bħala bandist uffiċjali tal-banda kien fl-1951 fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzia f'Ħaż Żabbar, fejn kienet saret festa kbira meta f'dik l-okkażjoni kienu pparteċipaw bosta baned u attendew bosta personalitajiet distinti. Huwa jsemmi wkoll memorji sbieħ tas-Surmast Joseph Busuttil fit-tmexxija tal-Banda Pinto, iżda li konsegwentement il-kumitat kien iddeċieda li jitneħħa



*2004*

Busuttil u li postu jittieħed mis-Surmast Joseph Magri li kien dixxiplinat ħafna. Skont Farrugia, Magri kien "militari" u għalkemm il-kumitat kellu l-ideat validi tiegħu, ċerti bandisti kienu xettiċi mill-bidla tas-Surmast, ladarba kienu draw il-karattru ferrieħi ta' Busuttil.

Fost l-aħħar mużika li daqq is-Surmast Busuttil mal-Banda Pinto kien hemm l-*Overture* 1812 ta' Pyotr Ilyich Tchaikovsky (1840–1893) u meta ġie Magri, huwa kien xtaq li fl-ewwel programm tal-festa, fil-pjazza quddiem l-istatwa ta' San Bastjan idoqq ukoll l-1812 li hija *overture* mużikali dwar l-istorja tar-Russja. Iżda Magri ried jagħmilha differenti minn qatt qabel, fosthom b'murtali minn wara l-banda biex jirraffiguraw il-bombi tal-kanun f'waqtiet mis-silta mużikali. Iżda xi murtal kien marbut mal-ħadid tal-istatwa tal-pjazza eżatt wara Farrugia bħala bandist u għalkemm kull bandist kien avżat bil-murtali, dakinhar Farrugia xorta inħasad tant li huwa waqa' minn fuq is-siġġu waqt l-*overture* u dwar dan Magri jidher li kien irrabja xi ftit għalih.

Fost il-memorji tal-festa, Ġorġ Farrugia jirrakkonta fost l-oħrajn dwar kif f'dawk is-snin kienu jsiru *recordings* qabel il-festa, fuq il-bejt fejn illum hemm s-sala Sebastian Debono biex imbagħad dawn jixxandru fuq ir-*rediffusion* fil-ġimgħa tal-festa ta' San Bastjan. Farrugia jgħid li l-festa minn dejjem kienet allegruża sforz ukoll ċerta pika mal-Parroċċa San Ġorġ, partikularment meta l-marċ jitla' lejn Triq Santa Katerina u lejn l-Għassa tal-Pulizija. Dan meta marċi bħal Tal-Qalba huma rinomati għall-allegrija fost il-partitarji Bastjaniżi u meta l-istess Farrugia jsemmi l-bidu tal-ewwel forma ta' kannizzata li tinġarr bħal umbrella fl-idejn u li mbagħad l-idea ġiet irfinuta f'kannizzata proprja għall-banda kollha.

**Impjieg maċ-Ċivil**

Ġorġ Farrugia jirrakkonta li fl-1953, wara seba' snin attiv fil-banda, huwa kellu jitlaq il-klarinett li kien idoqq ladarba daħal fis-servizz bħala *Master Baker* il-ħabs u aktar tard wara li żżewweġ kien mar għall-ewwel jirrisjedi f'Raħal Ġdid. Dan meta bħala Direttur tal-ħabs kien hemm ċertu George Ransley li kien ukoll *Chairman* tal-kumitat tal-karnival li nkuraġġieh u rsistielu biex jinħareġ permess għal Farrugia li jippermettilu jaħdem fil-karnival. Mill-ħabs, Farrugia kien ukoll iltaqa' ma' numru ta' Qriema li spiċċaw jaħdmu fil-forn tal-ħabs waqt sentenza ta' ftit ġimgħat, minħabba inkwiet li nqala' meta ħa l-pussess Dun Ġużepp Cauchi bħala kappillan. Fost dawn kien hemm Mikiel il-Makoj. Konsegwentement wara seba' snin, meta George Ransley kien se jispiċċa mill-ħabs, Ġorġ



*Ġorġ waqt l-intervista*

Farrugia ġie trasferit għal mal-Gvernatur Maurice H. Dorman bħala *book career.*

**Farrugia u l-Karnival**

F'Raħal Ġdid, Ġorġ kien għamel madwar sentejn jaħdem għall-Karnival meta beda jaħdem fi sħab ma' ċertu Ninu Fenech, f'kamra żgħira fejn Santa Ubaldeska. Fis-snin ta' wara hu wkoll għamel xi snin jaħdem mill-Fgura u aktar tard għamel sentejn jaħdem għand il-Makoj li kien sellfu l-post fi Triq San Bastjan, fejn hemm b'kollox kien bena 3 settijiet ta' maskaruni bi 8 biċċiet u karru trijonfali. Kien f'dawk is-snin li kienu bdew ċertu argument bejn il-Każin Pinto u l-Makoj tant li bħala reazzjoni jidher li l-Makoj kien ried jibda juża l-post tiegħu fi Triq San Bastjan u hemm għamel karru bl-isem Iż-żunżana iddur iddur. Dan filwaqt li fl-istess żmien skont Farrugia, il-Każin Pinto kien għamel bħal b'reazzjoni, karru ta' ħmar jimxi b'lura.

Ġorġ Farrugia jirrakkonta b'nostalġija kif dak iż-żmien id-dilettanti tal-karnival kienu jużaw iż-żebgħa tat-trab, u wara verniċ biex il-karru jilqa' xi ftit għall-elementi, dwar l-użu tal-kartun fil-karnival tal-passat, kif ukoll dwar kemm ġabru qasab u l-ħadid minn dak li jarmu n-nies fil-wied biex imbagħad mill-materjal isiru l-karrijiet. Dan filwaqt li b'kreattività fil-karrijiet kienu jinħolqu ingranaġġi li jitħaddmu bl-idejn. Skont Farrugia għalkemm illum żdiedu l-premjijiet fi flus, il-karrijiet saru jiswew ħafna, forsi wisq minħabba ċertu makkinarju, dwal u *fiber* introdott li bihom saru jsiru l-karrijiet li skont hu f'xi każijiet huma kbar wisq għat-toroq tal-Belt.

Huwa jiftakar b'għożża l-karnival tal-passat meta skont hu kien hemm aktar kreattività fis-suġġetti u fl-identità tal-ġranet differenti, meta l-Ħamis kien ikun hemm il-*Giovedì Grass*, il-Ġimgħa l-karnival bil-bhejjem u l-baned, is-Sibt iffokat fuq żfin, il-Ħadd il-karnival b'serata kbira, it-Tnejn għall-kumpaniji l-kbar u t-Tlieta l-final. Huwa jinsisti dwar is-sbuħija tal-mużika *live* b'orkestra fis-serati tal-karnival u diretta minn surmast li jagħmel l-arranġamenti kollha, meta l-mużika kienet skont hu "verament tallegra lil dawk preżenti... filwaqt li llum kollox *recorded,* kemm tgħolli l-volum li kultant itarrax..."

Dejjem skont Farrugia, illum hemm kreattività fil-kuluri li qabel ma kienux possibbli li jintużaw. Iżda filwaqt li jieħu gost b'elementi bħall-Qarċilla u l-kukkanja, ma jaqbilx ma' ċerti għamliet ta' teatrini waqt is-serati tal-karnival jew aktar minn hekk dik li suppost hija satira fejn xi "karru jkun jinkorpora xi bandiera ta' partit politiku". Huwa jinsisti li l-karnival suppost li fl-identità tiegħu iferraħ lin-nies kollha preżenti fit-triq u li skont hu, għalkemm

illum jintefqu flus kbar, il-karnival tal-passat kien aktar jilħaq dawn l-għanijiet meta l-Karnival kien ikollu serati b'inqas koreografija pjanata, iżda b'aktar briju spontanju fost il-pubbliku.



*2009*

**Konklużjoni**

Għalkemm Ġorġ Farrugia għamel ukoll xi ftit snin bħala segretarju tal-Każin tal-Banda San Ġużepp tal-Imsida, l-akbar involviment tiegħu jibqa' il-karnival. Meta tiltaqa' miegħu jirrakkuntalek diversi stejjer assoċjati ma' bosta trofej li għandu fir-residenza tiegħu, inkluż wieħed assoċjat mal-karnival f'Nabul (fit-Tuneżija). Iżda huwa jinħass kburi li nissel l-imħabba lejn il-karnival fost diversi żgħażagħ li ħadmu miegħu matul is-snin u fost dawn huwa jsemmi l-Qriema Charles Briffa, kif ukoll Silvio u ħuh Raymond Zerafa. Minkejja l-età u fl-appartament tiegħu fl-Imsida, Ġorġ Farrugia għadu jgħallem it-teknika tal-karta pesta u skont hu hija ħasra kbira li sal-lum f'Malta qatt ma nfetaħ mużew dwar ix-xogħol varju relatat (tal-karta pesta) bħalma nsibu fi Sqallija.


Joe Falzon
"Tal-Banka tal-Lottu"
Każin ta' San Bastjan

Jawgura l-Festa t-Tajba
lil Qriema kollha.

Ikun miftuħ mit-tnejn
sal-Ħadd.

